Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10783 – EQT FUTURE / AM FRESH / SNFL / IFG)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 154/11)

1. Fil-21 ta' April 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EQT Fund Management S.à.r.l. ("EFMS", il-Lussemburgu), proprjetà esklużiva u kkontrollata b'mod esklużiv minn EQT AB ("EQT", l-Iżvezja), u maħtura bħala l-manager tal-fund ta' EQT Future, fond ta' investiment ta' EQT,

— AM Fresh Group UK Limited ("AM Fresh", ir-Renju Unit),

— Special New Fruit Licensing Holding Company, S.L. ("SNFL", Spanja), ikkontrollata minn AM Fresh,

— International Fruit Genetics, LLP ("IFG", l-Istati Uniti tal-Amerka), proprjetà ta' Sunridge Nurseries, Inc. (Sunridge) u Grapery, Inc. (Grapery).

L-avviż jikkonsisti f'żewġ operazzjonijiet interrelatati simultanji. EQT Future u AM Fresh se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' SNFL kollha kemm hi. EQT Future u AM Fresh imbagħad jakkwistaw, indirettament permezz ta' SNFL, u fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-assi ta' IFG.

L-ewwel konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma. It-tieni konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— EQT Future huwa fond ta' investiment EQT, li ma għandu l-ebda sehem f'kumpaniji involuti fl-istess attivitajiet ta' SNFL u IFG jew f'attivitajiet li jistgħu jitqiesu upstream jew downstream;

— AM Fresh hija attiva fit-tkabbir ta' frott (inkluż għeneb tal-mejda) u ħxejjex, il-kummerċjalizzazzjoni bl-ingrossa ta' frott imkessaħ u l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' meraq, smoothies, u xorb tajjeb għas-saħħa għall-marka tad-distributur stess;

— SNFL u IFG it-tnejn li huma jnisslu u jiżviluppaw varjetajiet protetti ġodda ta' dwieli tal-għeneb tal-mejda u jilliċenzjawhom madwar id-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10783 – EQT FUTURE / AM FRESH / SNFL / IFG

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE / BELGIË